# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

# IMHALLEF:

# ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 5 ta' Gunju, 2001**

**Numru 40**

**Cit. Nru. 581/01 GCD**

**White Brothers Limited**

**Vs**

**Graja & Caorsi (M) Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi l-kumpanija attrici hija kreditrici tal-kumpanija konvenuta versu s-somma ta' elfejn, disa' mija u erbgha u ghoxrin lira Maltija u tmienja u disghin centezmu (Lm2,924.98) dovuta bhala prezz ta' servizz ta' burdnara provdut lilha fuq ordni taghha stess kif jirrizulta mill-fattura mmarkata Dok. "A";

Illi l-kumpanija konvenuta, ghalkemm interpellata kemm-il darba sabiex thallas, anke permezz ta' ittra ufficjali datata 1 ta' Marzu 2001 (Dok. "B"), baqghet inadempjenti; u

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ai termini tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, stante li dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-kumpanija attrici, il-kumpanija konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. tikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas lill-kumpanija attrici s-somma ta' elfejn, disa' mija u erbgha u ghoxrin lira Maltija u tmienja u disghin centezmu (Lm2,924.98) dovuta bhala prezz ta' servizz ta' burdnara provdut lilha fuq ordni taghha stess;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 1 ta' Marzu, 2001 u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mac-citazzjoni, kif ukoll bl-imghax legali mid-dati ta' l-invoices relattivi li sad-data tal-prezentata tac-citazzjoni kienu jammontaw ghal mija u hamsa u tmenin lira Maltija u hdax-il centezmu (Lm185.11) skond prospett anness mac-citazzjoni bhala Dok. "D", b'rizerva ghal imghax ulterjuri sal-pagament effettiv.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Mario Ciantar u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm